**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 467/2015**

Il-Pulizija

vs

**Tarquin Vella**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405690(M)

Illum, 24 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax xahar ta' April 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil Roxanne Brigione u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tanquin Vella minnu pprezentat fit-22 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet htija pero thassara f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundanah ghaI-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-appellant irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati u wara gew spjegati ic-cirkostanzi partikolari ta' l-appellant u r-raguni tan-nuqqas ta' pagament ossija li huwa kellu bzonn ftit zmien sabiex ihallas l-arretrati;

Illi l-appellant dejjem hallas il-manteniment u kien minhabba li gie imwaqqaf mix-xoghol li huwa ma bediex ihallas.

Illi jidher car ukoll li l-appellant ma bbenefikax mill-ammissjoni bikrija tieghu stante li 1-Qorti kellha diversi opzjonijiet fir-rigward il-piena pero ghazlet l-aktar wahda iebsa u li fic-cirkostanzi tal-kaz l-aktar wahda harxa;

Illi l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemprax ruhhu mad-digriet;

Illi l-appellant talab ukoll Iill-Qorti li bhala piena timponi fuqu perjodu taz-zmien sabiex ihallas il-manteniment dovut u jinghata provediment taht l-Kap 446 taI-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-impozizzjoni ta' piena kalcerarja ghandha tkun l-ahhar piena li tigi ikkunsidrata mill-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi llum *seduta stante* l-parti civili Roxanne Brignione ddikjarat illi l-manteniment dovut ghax-xahar indikat fl-akkuza thallas u ma fadalilha ebda pretenzjoni ulterjuri fir-rigward.

Illi dan maghdud l-akkuza xorta wahda tirrizulta ppruvata ghalkemm hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.
(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur